MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2009

Numru. 915/2008

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND AQUILINA
VS
EMANUEL DEGABRIELE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Emanuel Degabriele ta’ 19-il sena, iben Peter u Marianne xebba Camilleri mwieled il-Pieta’ nhar it-12 ta’ Awissu 1989, residenti 80, Triq San Frangisk, Bormla u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 517289(M).

Illi huwa akkuzat talli bejn il- Hadd is-17 ta’ Awissu 2008 u t-Tnejn 18 ta’ Awissu 2008, f’residenzi gewwa Bormla meta b’diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1) Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni taht l-eta' u cioe *Ommissis A* u *Ommissis B*, it-tnejn ta' *ommissis*-il (*ommissis*) sena;
2) U wkoll talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 7 ta' Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta liema kundizzjonijiet gew imposti fuqu b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. datata 12 ta' Marzu 2007;

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija minorenni u l-familji taghhom, minn issa tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (fol.46) taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal tad-19 ta' Novembru, 2008 (a fol.42) fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat (fol.22);

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni (a fol.42) wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-imputat Emanuel Degabriele rregistrat ammissjoni piena ghar-reati dedotti kontra tieghu.

Aktar minn hekk, l-istqarrija tieghu (Dok.RA5 a fol.19 sa fol.21) hija rakkont ta’ kif l-imputat iltaqa’ maz-zewg tfajliet minuri ta’ *ommissis* (*ommissis*)-il sena ma min kellu kongungiment karnali f’serata minnhom ma’ wahda mill-minuri, waqt li l-ghada kellu x’jaqsam sesswalment ma’ l-ohra - segwit dana kollu ma’ ‘date’ ma’ tielet (3) tfajla skonoxxuta fit-tielet jum konsekuttiv.

Ir-rakkont tal-grajjiet  ta’ l-imputat, tfajjel ta’ dsatax (19)-il sena, huwa semplici fir-rakkontar izda kompless hafna fit-tifsira tieghu u ssarraf f’volumi ghal *indiscriminate, sexual activity* taz-zghazagh Maltin. L-imputat jammetti fl-istqarrija tieghu li ghalkemm ma kienx jaf b’certezza l-eta’ ta’ dawn it-tlett tfajliet, basar li kellhom madwar l-*ommissis* (*ommissis*)-il sena.

Illi meta wiehed jaqra l-istqarrija ta’ l-imputat, wiehed jigi rinfaccjat ma’ realta ta’ irresponsabbilta’ sfaccata u endemika dan it-tfajjel ta’ dsatax-il sena, kien jaf illi uhud minn dawn it-tlett tfajliet kienu harbu mill-Fejda, fejn dawn kienu qed ghal kenn u protezzjoni. Illi ma setawx jinghataw fid-djar taghhom. Illi minkejja dan u wara li l-imputat ha dak kollu li ried minghand dawn it-tfajliet, l-istess imputat kwazi kwazi jiftahar illi ma kienx ser ihallihom barra izda kien ser jehodhom ghand habib tieghu Pele’, sabiex Pele’ jisserva minn dawn it-tfajliet kif isserva l-imputat stess. Il-Qorti ma tistax ma tikkummentax illi l-imputat kwazi kwazi beda jitkellem donnu haqqu xi medalja ta’ gih ir-Repubblika ghal agir ta’ gentiluomo.

Din il-Qorti semghet ix-xhieda ta’ John Testa, *Probation Officer*, illi tkellem b’mod artikolat immens dwar in-nuqqas ta’ koperazzjoni ta’ l-imputat, fil-perijodu ta’ *Probation* illi huwa inghata mill-Magistrat Dr. D. Clarke L.L.D., fit-12 ta’ Marzu 2007, fejn jikkonferma illi l-koperazzjoni (ta’ l-imputat) kienet wahda minima minkejja mid-diversi appuntamenti li kien tah tant illi huwa kien kostrett li jiddenunzja lill-imputat fit-22 ta’ Gunju 2007.

Illi fl-isfond ta’ dana kollu u minkejja l-eta’ giovanili ta’ l-imputat, din il-Qorti ma tarax illi dan huwa kaz li jimmerita piena alternattiva ghal dik karcerarja u dana aktar u aktar meta l-Qorti hija prekluza bil-ksur tal-*Probation* illi taghti kwalunkwe forma ta’ *suspended sentence.*

Il-Qorti tinstab partikolarment preokkupata fil-fatt li dawn iz-zewg tfajliet involuti f’dan il-kaz, kienu tnejn illi kienu alloggjati fl-istituzzjoni Fejda fejn jitqeghedu persuni illi l-aktar li jkollhom bzonn ta’ kenn u protezzjoni mis-socjeta’ stante li c-cirkostanzi tal-familji rispettivi taghhom ikunu tali illi huma meqjusa illi ma jipprovdux il-minimu ta’ kura u kenn solitu mistennija minn familja ordinarja Maltija.

Illi fil-kaz in ezami dawn iz-zewg tfajliet allegatament ghaddew minn esperjenzi koroh ta’ abbuz sesswali precedenti ghal dan il-kaz u jimmanifestaw agir disturbat u sesswalment prekoci ghall-eta’ taghhom.

Illi ghal dawn il-motivi u fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti, ssib lill-imputat, Emanuel Degabriele, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 204C(1) tal-Kap.9, Artikolu 23 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal sena prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------